# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 66**

**Rikors numru 574/09/1 JPG**

**Avukat Dottor Pio M. Valletta li qiegħed jidher għan-nom, fl-interess u in rappreżentanza ta' Peter E. Klenner**

**v.**

**Anita Dangel, Gabor Petho, Richard Petho, Thomas Tibor Antallfy u Web Services Holdings Limited (C-28314)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors maħluf ta' l-Avukat Dottor Pio M. Valletta *nomine*, tal-11 ta' Ġunju, 2009, li permezz tiegħu jingħad:

> "(1) Illi l-awtur tar-rikkorrent esponent nomine huwa azzjonista ta' ishma ordinarji bid-dritt tal-vot fis-socjeta intimat Web Services Holdings Limited flimkien mal-intimati u dan kif jirrizulta fl-annessa kopja tal-Istatut socjali ta' l-imsemmija socjeta intimata Web Services Holdings Limited, liema kopja qieghda tigi mmarkata bhala Dokument PV1.

(2) Illi l-intimati azzjonisti ppartecipaw, hadu sehem, kienu involuti u attivament ikkontribwew fi trasferimenti ta' ishma fis-socjeta' li kienu jilledu kemm id-drittijiet tal-awtur tar-rikorrenti u kienu jmorru kontra l-istess disposizzjonijiet ta' l-istatut socjali kif sejjer jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smiegh tal-kawza.

(3) Illi l-istess intimati approvaw ftehim ghall-"management buyout" li ma kienx gie debitament approvat kif mehtieg u mitlub fl-istatut socjali tas-socjeta intimata Web Services Holdings Limited u dan bi hsara u dannu ghall-awtur tar-rikorrent esponent u dan kif sejjer jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.

(4) Illi barra minn dawn gew kommessi diversi atti ohra mill-azzjonisti li barra li jilledu d-drittijiet personali tal-awtur tar-rikorrent esponenti bhala azzjonista saru bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Istatut socjali kif sejjer jigi ppruvat f'aktar dettal waqt is-smigh tal-kawza.

(5) Illi l-awtur tar-rikorrenti esponenti ghandu interess li jippromwovi din il-kawza u dan fid-dawl tal-fatt illi l-atti fuq imsemmija jilledu id-drittijiet tieghu personali u ukoll li kwantu ghall-htiega li jigu regolarizzati l-irregolaritajiet kollha kommessi mis-socjeta intimata, l-unika persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta intimata Web Services Holdings Limited huwa l-intimat Thomas Tibor Antalffy.

(6) Illi saru diversi tentattivi sabiex in-nuqqasijiet u l-irregolaritajiet jigu regolarizzati izda dawn it-tentattivi ma taw ebda ezitu posittiv anzi l-azzjonijiet u l-atti lezivi kemm tad-drittijiet personal ta' l-awtur tar-rikorrent esponent u kemm li saru kuntrarju ghal u bi ksur ta' dak dispost u provdut fl-istatut socjali tas-socjeta' intimata Web Services Holdings Limited baqghu jsiru u ghadhom isiru u jigu pperpwtewati.

(7) Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrent esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li illi l-agir tal-intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy u l-atti kollha konsegwenti u rizultanti minn tali agir u li jinsabu riferiti fil-kawzali tac-citazzjoni u li ser ikunu ahjar spjegati u pruvati waqt is smigh tal-kawza jilledu d-drittijiet personali ta' azzjonista ta' l-awtur tar-rikorrent esponent barra li saru bi ksur tad-disposizzjonijiet u regoli ta' l-istatut socjali tas-socjeta intimata Web Services Holdings Limited kif ukoll ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji;

(2) Tiddikjara u tiddeciedi li l-atti kollha konsegwenti u rizultanti minn tali agir u li huma lezivi ghad-drittijiet personali ta' l-awtur tar-rikorrent esponent bhala azzjonista fis-socjeta intimata u/jew li saru bi

ksur tad-disposizzjonijiet u regoli ta' l-istatut socjali tas-socjeta intimata Web Services Holdings Limited u ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji huma kollha nulli u minghajr effett;

(3) Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir tal-intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy u l-atti kollha konsegwenti u rizultanti minn tali agir kkawzaw hsara lill-awtur tar-rikorrent esponent;

(4) Tiddikjara dik il-hsara u okkorrendo dan anke permezz ta' periti nominandi;

(5) Tikkundanna lill-intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy sabiex ihallsu dik il-hsara hekk likwidata.

Bl-imghaxxijiet legali u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju pprezentat kontestwalment kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta tal-intimati, datata 22 ta' Settembru, 2009, li permezz tagħha jingħad:

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-attur *nomine* ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi *in limine litis* ir-rikors guramentat huwa difettuz fis-sens illi l-attur *nomine*-

i. Jonqos milli jispecifika liema huma t-trasferimenti ta' ishma illi dwarhom huwa jhossu aggravat (premessa numru 2 tar-rikors).

ii. Jonqos milli jindika liema huwa l-ftehim ghall-'*management buyout'* illi dwaru jilmenta fit-tielet premessa tar-rikors guramentat u apparti li naqas li jispjega ghaliex u liema hija l-klawsola ta' l-istatut socjali tas-socjeta' intimata li ma gietx osservata da parti ta' l-intimati azzjonisti.

iii. Jonqos milli jghid x'inhuma id-'diversi atti ohra' allegatament kommessi mill-azzjonisti li jilledu d-drittijiet ta' l-awtur tar-rikorrenti (premessa numru 4 tar-rikors guramentat).

Minhabba l-imsemmija nuqqasijiet, tezisti inkompletezza w ambigwita' fir-rikors illi tipprekludi l-intimata milli jipprezentaw difiza shiha u kompluta. Kwindi, l-esponenti jecepixxu illi, minhabba tali nuqqassijiet, il-Qorti ghandha jew tichad it-talbiet attrici jew tordna lir-rikorrent nomine jispjega ahjar il-premessi u l-kawzali tieghu, sabiex l-intimati

jkollhom, imbaghad, l-opportunita' iressqu, ulterjorment, l-eccezzjonijiet taghhom relatati, dejjem jekk ikun il-kaz.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma preksritti inter alia ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew ta' xi artikolu iehor illi l-intimati jkunu jistghu jidentifikaw, jekk ikun il-kaz, wara li l-attur nomine jispecifika liema huma "t-trasferimenti ta' l-ishma" u "n-nuqqassijiet u irregolaritajiet" komessi mill-intimati u li dwarhom ihossu aggravat.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, minn qari tar-rikors guramentat odjern jirrizulta li l-ebda mit-talbiet attrici m'hi diretta kontra s-socjeta' intimata: kwindi, ireggi li l-attur nomine ma kellux il-htiega li jharrek is-socjeta' intimata fil-kawza odjerna illi, wara kollox, m'hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur nomine u ghalhekk is-socjeta' intimata ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju.

4. Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' l-intimat Richard Petho u cioe' li l-ebda mit-talbiet attrici m'hi diretta kontrih u kwindi, l-attur ma kellux iharku fil-kawza stante li l-istess Richard Pethro m'huwiex il-legittimu kontradittur tieghu u l-intimat Richard ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Illi l-agir ta' l-intimati u l-atti relatati illi ghalihom jirreferi l-attur *nomine* fl-ewwel talba attrici huma legali, konformi ma' l-istatut socjali tas-socjeta' intimata u 'in regola' u kwindi ma sehh l-ebda lezjoni ta' xi dritt illi ghandu l-attur *nomine* u kwindi, dina l-Qorti m'ghandiex tiddikjarhom nulli u minghajr effett kif qed jitlob l-attur *nomine* u daqstant iehor m'ghandhiex issib dina l-Qorti li hemm xi danni li huma kompetenti lill-istess attur *nomine.*

<u>Dwar it-trasferiment ta' Ishma</u>

6. Illi subordinarjament, minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet u fil-mertu, m'huwiex minnu dak allegat fir-rikors guramentat li l-intimati azzjonisti ippartecipaw u hadu sehem f'trasferimenti ta' ishma fejn sehh xi lezjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti *nomine* jew li marru kontra l-istatut tas-socjeta' intimata Web Services Holdings Limited kif allegat. It-tresferimenti huma kollha in regola, l-intimati kollha dejjem agixxew skond il-ligi u skond l-istatut *de quo* u, kwindi, it-talbiet attrici huma bla bazi jew bla gustifikazzjoni legali u m'ghandhomx jigu milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti.

7. Illi assumendo li l-attur nomine qed jilmenta dwar it-trasferiment ta' ishma li sar a favur ta' Anita Dangel, l-intimati jirrispondu li l-klawsola 8(a) ta' l-istatut socjali tas-socjeta' Web Services Holdings Limited jipprovdi li "*no restriction on the transfer of shares shall apply where such transfer takes place ... to ... the spouse of a member*" u, kwindi, l-imsemmi trasferiment ta' l-ishma huwa perfettament permessibbli u legali stante li Anita Dangel tikkwalifika bhala '*spouse*

*of a member'*. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milqugha minn dina l-Qorti.

8. Illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, jekk id-dritt li dwaru qed jilmenta r-rikorrenti *nomine* huwa d-dritt ta' *pre emption* ikkawtelat f'klawsola 8 ta' l-istatut socjali, l-intimati jirrispondu li l-attur nomine kien irrinunzja ghal tali dritt, liema rinunzja hija riflessa fl-iskrittura privata datata sebgha (7) ta' Novembru 2005 (Dok A1).

9. Illi kif sejjer jigi ppruvat, it-trasferimenti ta' ishma fis-socjeta' intimata huma ikkonfermati u gew sanati f'general meetings tas-socjeta' intimata u, kwindi, m'huwiex il-kaz illi issa l-attur nomine jitlob rikumpens ghad-danni allegatament sofferti minnu.

<u>Dwar il-Management Buyout</u>

10. Illi dwar il-ftehim ghall-management buyout, l-intimati jirrispondu li tali ftehim huwa validu, konformi mal-ligi u ma' l-istatut socjali tas-socjeta' intimata u kwindi, l-attur nomine m'ghandu ebda dritt fil-ligi bazi legali u t-talbiet attrici ghandhom, ghalhekk, jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti.

<u>Dwar id-Danni</u>

11. Illi minghajr pregudizzju ghal dak eccepit supra, mhuwiex minnu li l-attur nomine soffra xi danni u anke' jekk dan huwa l-kaz, tali danni dejjem iridu jigu ppruvati minnu.

12. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi, filwaqt li ċaħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimati, laqgħet f'parti t-tieni eċċezzjoni, kif ukoll laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine.* Bl-ispejjeż jinqasmu in kwantu għal 10% a karigu tal-intimati u 90% a karigu tar-rikorrent.

4. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Peter Klenner xehed a fol 49 et seq illi huwa kien direttur tal-kumpanija Work Services Limited, izda m'ghadux ghaliex gie sfurzat il-barra minn dan ir-rwol. Spjega illi fl-2005 kien gie informat illi Thomas Antallffy ried ibiegh l-assi tal-kumpanija lil zewg impjegati, u cioe Anita Dangel li tigi martu, u Richard Petho; li wahda mill-kumpaniji Web Services Hungary, li hija l-kumpanija li tipprovdi s-servizzi li klijenti. Kompli illi Antallffy kien bghat memo biex jinformahom li kien iddecieda li jbiegh din il-kumpanija, u hu ma kienx qabel mal-kondizzjonijiet u ghalhekk kien informah bin-nuqqas ta' qbil tieghu bil-mitkub, u kien informa wkoll b'dan lil PDO li dak iz-zmien kienu d-diretturi tal-kumpanija. Zied illi pero huwa ma kien ircieva ebda risposta u eventwalment il-hlas tad-*dividends* kien waqaf. Xehed illi nonostante l-oggezzjoni tieghu, il-*management buyout* sar xorta wahda, u l-ftehim ma kienx jipprovdi ghan-neccesita ta' kunsens mill-azzjonisti ghal dak il-*management* partikolari. Zied illi ebda laqgha tal-azzjonista ma kienet saret sabiex jigi discuss dan il-*management buyout*.
>
> Xehed illi sussegwentement il-kumpanija waqfet thallas dividends lil azzjonisti ta' isma ta' kategoriji A u E, u dan fl-2005. Kompla li barra minn hekk wara l-2005 ir-rendikonti kienu qed jigu pubblikati tard u li filfatt huwa rcieva ir-rendikonti ghas-sena 2006 u 2007 f' Gunju tal-2010, u dak ghas-sena 2005 kien inghatu lilu waqt laqgha f'Dicembru tal-2009. Spjega illi dak in succinct dak li gara kien, illi Thomas Antallffy kien ivvotah barra mir-rwol teghu ta' direttur, u ghalhekk sar *sole director*, u wara li ghamel dan, kien biegh in-negozju lil martu u impjegat iehor tal-kumpanija. Xehed illi barra minn hekk, wara l-*management buyout,* kien hemm *share transfer* ta' 30% min Jeno Torocsik favur Anita Dangel, u dan minghajr ma gie informat ix-xhud, nonostante l-fatt illi l-Memorandum and Articles of Association jipprovdu illi ghandu jkun hemm laqgha tal-azzjonisti meta jkun hemm *share transfer.* Sostna illi nonostante illi l-azzjonisti ghandom *pre-emption rights*, ma gewx offruti dawn l-ishma qabel it-trasferigment lil Dangel. Zied illi filfatt hu kien ghamel oggezzjoni bil-miktub ghal dan it-trasferiment, u kien anke ikkomunika ma' PDO rigward dan, li kieu irrispondew jghidu li kien qed joggezzjonaw ghal certu affarijiet, u imbaghad kienu irrezenjaw.
>
> Spjega illi ma kien hemm ebda laqgha tas-sena 2009, u l-iskop tal-laqgha li saret fl-2009 kien ghaliex Antallffy ried jillikwida l-kumpanija. Xehed li barra minn hekk, kienet saret laqgha ohra f'Gunju ta' 2009 sabiex jigu approvati r-rendikonti tal-2006 u l-2007. Xehed ukoll illi r-rwol ta' Dangel suppost kien ta' *Managing Director*, izda fil-verita qatt ma kellha x'taqsam mal-kumpanija.

Xehed ukoll permezz ta' affidavit a fol 153 *et seq* illi huwa ghandu sehem ordinarju wiehed bil-valur ta' $1 fil-kumpanija Web Services Malta Limited, filwaqt li ghandu 16,160 ishma ordinarji A bil-valur ta' $0.20 kull wiehed u 3,35 ishma ordinarji B bil-valur ta' $0.20 kull wiehed, u kollha huma *paid up*. Fil-kumpanija Web Servies Malta Limited hemm bhala azzjonisti wkoll Jeno Toricsik li ghandu sehem ordinarju wiehed, Thomas Tibor Antallfy li ghandu sehem ordinarju wiehed u Web Services Holdings Limited li ghandha 1,497 ishma ordinarji, b'kull sehem jiswa $1. Xehed ukoll illi Web Services Malta Limited hija l-proprjetarja esklussiva ta' Web Services Hungary.

Spjega illi Web Services Malta Limited kienet dahlet fi ftehim (Master Internet Web site Development and Support Services Agreement) ma' Amway D.O.O., li kien is-sors maggur tal-introjtu ta' Web Services Malta Limited, filwaqt li Web Services Hungary kellha l-assi, it-teknologija u l-imjegati sabiex ikun jista' jigi onorat dan il-ftehim. Kompla illi permezz ta' ftehim konkluz fil-21 ta' Frar 2005, Web Services Malta Limited rapprezentata minn Antallfy trasferit l-ekwita ta' Web Services Malta Limited f'Web Services Hungary lil Anita Dangel, mart Antallfy u Richard Petho (Management Buyout Agreement). Spjega illi nonostante dan, Antallfy ma kienx ottjeni resoluzzjoni tal-azzjonisti ta' Web Services Malta Limited, u konsegwentement ma kellux il-kunsens tal-maggoranza tal-azzjonisti biex jaghmel dan, minkejja illi permezz ta' dan il-ftehim Web Services Malta Limited tilfet is-sors magguri tal-introjtu taghha, u minkejja illi l-klawsola numru hamsa tal-Management Buyout Agreement kienet tistipola illi Web Services Malta jista' jkollha torganizza laqgha mal-azzjonista biex tikseb il-kunsens taghhom rigward dan il-ftehim.

Qal illi fit-28 ta' Marzu 2006 kienet issejhet laqgha straordinarja tal-azzjonisti fejn gie diskuss il-ftehim imsemmi, u Carmelo sive Lino Buttigieg a nom tal-azzjonista l-ohra kien irrimarka illi ma kienx hemm il-kunsens tal-azzjonisti ghal dan il-ftehim u li barra minn hekk, kien hemm konflitt ta' interess, peress illi wahda mill-kompraturi fuq il-ftehim, u cioe Anita Dangel, hija l-mara ta' Antallfy. Barra minn hekk, Antallfy stess kien baghat memo jghid illi dan il-ftehim kien ser inaqqas ir-revenue ta' Web Services Malta Limited ghal kwart ta' dak illi kellha dak iz-zmien. Qal ukoll illi huwa stramb li minkejja li fir-rendikont finanzjarju tal-kumpanija ta' Dicembru 2005 u fir-rapport tal-awditur fir-rendikont finanzjarju tal-2006 hemm indikat illi l-assi trasferiti permezz tal-ftehim imsemmi ma kienx gew trasferiti ghal valur gust, fir-rendikont finanzjarju tas-sena 2007 l-awditur jirraporta illi t-trasferiment kien sar bi prezz gust, u dan minghajr spjegazzjoni rigward din il-bidla fil-posizzjoni.

Xehed illi b'konsegwenza ta' dan il-ftehim, Web Services Limited Malta u konsegwentement Web Services Holdings Limited soffrew telf kemm fir-rigward tal-*profit income* ghal-azzjonisti kif ukoll fil-valur ta'avvjament tan-negozju u ghalhekk fil-valur tas-*shareholding* tieghu. Zied illi kien minhabba dan l-agir kolluziv u abbuziv kommess minn

Antallfy u l-intimati l-ohra li kienu involuti f'dan il-ftehim, huwa sofra t-telf imsemmi u huwa ghalhekk li kellu jintavola din il-kawza.

Thomas Tibor Anatalffy xehed permezz ta' affidavit a fol 172 et seq illi huwa kien il-fondatur tal-kumpanija bl-isem Amtel Voice and Internet Communications Ltd, li giet inkorporata fl-Ungerija fl-1 ta' Novembru 1994, u dak iz-zmien din l-kumpanija kellha *paid up share capital* ta' circa €10,000, u bhala proprjetarji kienu hu u Jeno Torocsik b'ishma ugwali. Lejn l-ahhar tas-sena 1999 kien qed ifittex investituri u kien hemmhekk illi inghaqad mieghu r-rikorrent, bi ftehim illi ghall-investiment tieghu jinghata 40% mill-ishma fil-kumpanija. Kompla illi lejn l-ahhar tas-sena 2000, Amway Corporation uriet interess li tuza s-servizzi u prodotti ta' Amtel u ghalhekk kien gie deciz illi tigi rregistrata kumpanija gdida, bl-isem Web Services Hungary li gie inkorporata fit-2 ta' Ottubru 2000. Zied illi kienu gew impjegati diversi persuni ma' din il-kumpanija, izda l-iktar importanti kienu Ricard Petho, id-direttur regjonali u Anita Dangel li kienet Head of Development u General Manager, liema zewg persuni kienu joperaw u jimmangijaw il-kumpanija.

Xehed illi f'Jannar 2001 sehhew negozjati sabiex Web Services Hungary tipprovdi servizzi ta' kummerc elettroniku lil Amway Corporation f'numru ta' pajjizi Ewropej, u ghalhekk ir-rikorrent kien issugerrixa illi tigi registrata kumpanija Maltija sabiex tkun din il-kumpanija li tidhol f'dan il-ftehim ma' Amway Corporation. F'dan iz-zmien, hadu parir ta' professjonisti Maltin, u cioe BDO Malta, fuq parir tar-rikorrent, u filfatt kienu ltaqghu ma' Lino Buttigieg li kien wiehed mis-socji ta' din id-ditta, li kien issugerixxa l-istruttura tal-azzjonisti li giet implimentata minn Web Services Holdings Limited, bit-tliet kategoriji differenti ta' ishma. Wara li giet appovata din l-istruttura, Web Services Holdings Limited giet rregistrata fil-25 ta' Gunju 2001, u l-*paid up capital* taghha kien ta' $10,000, fejn BDO Consult Limited kellha izomm l-ishma A bhala *trustee* ghal beneficcju tar-rikorrent li kellu 40% mill-ishma, ix-xhud li kellu 30% mill-ishma, u Torocsik li kellu 30% mill-ishma.

Spjega li fuq parir ta' BDO Consult Limited kienu waqqfu wkoll kumpanija ohra bl-isem Web Services Malta Limited, u Web Services Holding kellha zzomm 1,497 min-numru ta' 1,200 ishma ta' Web Services Malta Limited, filwaqt li hu, ir-rikorrent u Torocsik kellhom izomm sehem kull wiehed mir-rimanenti ishma. B'hekk ir-rwol ta' Web Services Holdings kien illi zzomm ishma f'Web Services Malta Limited, filwaqt illi Web Services Malta Limited kellha taghmel ix-xoghol necessarju fir-rigward tal-ftehim ma' Amtel. Zied illi Web Services Malta Limited ma kellix impjegati u filfatt l-esekuzzjoni tal-ftehim ma' Amway kienet issir mill-impjegati ta' Web Services Hungary. Sussegwentement, Web Services Malta akkwistat Web Services Hungary ghall-prezz ta' $150,000 fil-31 ta' Dicembru 2001.

Kompla illi fl-4 ta' Lulju 2001 huwa inghata *power of attorney* mid-diretturi ta' Web Services Malta Limited biex jaghmel "*all and every business matters*" a nom tal-kumpanija, u filfatt kien uza l-istess *power of attorney* biex jiffirma l-kuntratti kollha tal-kumpanija, inkluz il-ftehim ma' Amway, l-akkwist ta' 100% tal-ismha ta' Web Services Hungary, il-bejgh ta' 100% tal-ishma ta' Web Services Hungary lil Web Services Holdings, kuntratti ma circa mitt *partner companies* differenti u l-Management Buyout Agreement. Qal illi dan tal-ahhar kien l-unika darba fejn tqajjmet oggezzjoni rigward l-uzu tieghu tal-*power of attorney*.

Qal illi f'Settembru 2001, Richard Petho gie mwieghed ishma B f'Web Services Holding, u dan peress illi r-rwol tieghu kien krucjali ghas-success fir-rigward tal-ftehim ma' Amway, u ghalhekk kienet intiza bhala incentiv biex tizgura d-dedikazzjoni professjonali kontinwata tieghu. F'April 2002 imbaghad saret offerta minnu u mir-rikorrent lil Petho sabiex dawn l-ishma B jigu kkonvertit f'ishma A, peress illi dan kellhom valur oghla ghaliex kellhom aktar drittijiet ta' vot u ma setghux jinxtraw lura mill-kumpanija mat-terminazzjoni tal-impjieg. Xehed illi pero din l-offerta qatt ma giet implimentata.

Xehed illi fl-4 ta' Dicembru 2003 Jeno Torocsik trasferixxa l-interessi tieghu f'Web Services Holding lil Anita D'Angel u fl-istess hin appunta lix-xhud bhala r-rapprezentant tieghu u ffirmalu *power of attorney/proxy* sabiex ikun jista' jagixxi f'ismu fir-rigward tal-affarijiet ta'kumpanija. F'Novembru 2004, ir-rikorrenti protesta kontra dan it-trasferiment ghaliex skont hu, l-istatut ta-kumpanija kienu jaghtuh dritt ta' *pre-emption*. Spjega illi fl-opinjoni tieghu, l-istatut ma kienx qed jigi vjolat, peress illi l-azzjonista, u cioe BDO bhala *trustee* baqghat l-istess, pero BDO ma qablux u ghalhekk irrifjutaw illi jesegwixxu d-dokumentazzjoni necessarja sabiex il-beneficjarja tal-ishma in kwistjoni issir lil Dangel minflok Torocsik. Zied illi fid-19 ta' Jannar 2005 Carmelo Buttigieg kien informah illi ma kienx ser esegwixxi din il-konversjoni tal-ishma ta' Petho sakemm il-kwistjoni tat-trasferiment tal-*beneficial interest* ta' Torocsik ma tigix risolta.

Xehed illi l-ftehim ma' Amway kien skada f'Awwissu 2004, u Amway kienet diga sa minn Gunju, avzathom illi ma kienitx lesta li ggedded il-ftehim fuq l-istess termini peress illi riedet li eventwalment ikunu l-impjegati taghha stess li jaghmlu dak ix-xoghol. Fl-istess zmien Dangel u Petho bdew ihossu li kelhom ifittxu opportunitajiet ahjar ghall-kumpanija, izda ma kienux lesti li jaghmlu dan taht il-kondizzjonijiet kurrenti tal-impjieg taghhom u ghalhekk Web Services Malta ma kelliex mod effettiv kif tizviluppa mudell ta' negozju gdid ghal operazzjoni Ungeriza b'mod illi jkunu jistghu jattiraw xoghol gdid, u kien hemm biza illi Dangel u Petho jitterminaw l-impjieg taghhom minn mal-kumpanija.

Spjega illi ghalhekk, peress illi hass illi kien hemm riskju li jitilfu lil Dangel u Petho, b'konsegwenza li ma jkunux jistghu jesegwixxu l-

ftehim li kellhom ma' Amway, fatt li kien iwassal ghal proceduri litigjuzu u telf totali ta' introjtu, hu kien accetta illi l-*management* ta' Web Services Hungary jixtri minghand Web Services Malta sehemha f'Web Services Hungary. Grazzi ghal dan, ix-xoghol baqgha ghaddej b'mod regolari tant illi rrnexxilhom igeddu l-ftehim ma' Amway ghal sena u nofs. Xehed illi mhux talli dan ma naqqasx mill-introjtu ta' Web Services Malta, izda talli holoq mezzi ta' introjtu godda.

Rigward il-Management Buyout Agreement (MBO) xehed illi dan kien sar fil-21 ta' Frar 2005 ghal prezz ta' $150,000, u cioe ghall-istess prezz illi Web Services Malta kienet xtrat Web Services Hungary mighand Amtel. Qal illi ghalkemm huwa minnu illi ma kienx issottometta dan il-ftehim ghal approvazzjoni, il-ftehim kien jigi approvat zgur li kieku gie sottomess ghaliex hu kellu 60% tal-vot, billi kellu 30% tieghu u 30% in rapprezentanza ta' Petho. Spjega illi Web Services Malta u Web Services Holding kellhom laqgha generali f'Lulju 2005 fejn kien innotifika lid-diretturi bl-MBO. Xehed illi huwa kien bghat *memo* jispjega l-MBO, izda l-progezzjonijiet tieghu kienu konservattivi, tant illi qal li kien ser ikun hemm telf fl-introjtu, peress li ma kienx ghadu jaf illi Amway kienet ser testendi l-ftehim minn xahar ghal xahar sal-bidu tal-2007. Xehed illi filfatt it-turnover ta' Web Sevices Malta kiber minn $2.9 miljuni fl-ahhar tal-2004 ghal $4.1 miljuni fl-ahhar tal-2005 u $4.2 miljuni fl-ahhar tal-2006.

Qal illi minhabba dan l-MBO, kien inqghalu kunflitt kbir fin-negozju bejn il-*beneficial owners* tal-kumpanija u d-diretturi, u cioe BDO peress illi l-involviment ta' BDO bhala *trustees*, diretturi u accountants tal-kumpanija kien ipoggihom f'kunflitt ta' interess, u dan barra illi ma kienux gew stabbiliti x'kienu ir-rwoli u d-dmirijiet taghhom u minghand min kellhom jiehdu struzzjonijiet. Xehed illi izda fis-7 ta' Novembru 2005, irnexxilhom jilhqu ftehim parzjali, fejn ir-rikorrent kien accetta li ma jkomplix jinsisti fuq id-dritt ta' *pre-emption* tieghu fir-rigward tal-ishma ta' Torocsik, bil-kondizzjoni illi x-xhud jixtri l-ishma ta' Petho f'Amtel Voice and Internet Communications, u filfatt huwa ghamel hekk u Petho kien informa lil BDO li x-xhud issa kien sar il-proprjetarju esklussiv ta' Amtel Voice and Internet Communications, izda r-rikorrent xorta kompla joggezzjona ghall-akkwist tal-ishma ta' Torocsik minn Dangel.

Spjega illi fit-28 ta' Marzu 2006 saret laqgha straordinarja tal-azzjonisti biex jittiehed vot fuq l-MBO. Wara li sema' x'kellhom xi jghidu hu u r-rikorrent, Buttigieg iddecieda li kien hemm differenzi irrikonciljabbli bejniethom u li ghalhekk hu u d-diretturi l-ohra kienu ser jirrizenaw b'effett immedjat jekk jittiehed il-vot. Qal li pero, kieku BDO ma insistewx fuq unanimita, il-vot kien jghaddi peress illi hu, minhaba l-*power of attorney* li kien tah Petho, kien jikkmanda 60% tal-vot. Xehed illi ghalhekk, wara li ha parir minn zewg ditti legali Maltin li kkonfermaw il-validita tal-MBO, talab lil BDO biex ixxolju t-*trust* u saret laqgha general sabiex jigu eletti diretturi godda, u imbaghad, fit-28 ta' Dicembru 2006, Torocsik ittrasferixxa l-ishma tieghu lil Dangel. Qal

ukoll illi minn naha tieghu, ir-rikorrent ghamel rapport lil pulizija Ungeriza dwar dan kollu, izda l-pulizija wara l-investigat sabet illi ma kienx hemm provi li gie kommess reat sufficjenti biex il-kaz jittiehed il-Qorti, u kien prezenta wkoll kawza quddiem il-Qorti Ungeriza li kien irtira hu stess.

Xehed illi bejn l-2001 u l-2011 Web Services Holdings hallset lill-azzjonisti b'ishma A taghha s-somma ta $1.2 miljuni bhala dividends, li jfisser li r-rikorrent ghamel $200 ghal kull $1 li investa.

Rigward il-vantaggi tal-MBO spjega li dawn kienu s-segwenti:

1. Giet irregolarizzata ir-relazzjoni bejn Web Services Malta u Web Services Hungary;

2. Skont l-MBO, Web Services Malta kellha taghmel *flat profit* ta' 10% mill-kuntratt ta' Amway, li kien ta' beneficcju ghal Web Services Malta anke ghaliex kien introju assikura, li kien independenti mill-ispejjez inkorsi minn Web Services Hungary;

3. Barra minn hekk, l-MBO jipprovdi illi pagamenti maghmula minn Web Services Holding lill-impjegati ta' Web Services Hungary fil-forma ta' *dividends* lil *preference shareholders* kellhom jiggeneraw 5% profitt lil Web Services Malta.

In kontro-ezami a fol 236 *et seq* kkonferma dak li qal fl-affidavit tieghu.

Ikkonsidrat;

L-intimati eccepew preliminarjament illi r-rikors promotur huwa difettuz u pprekludihom milli jressqu difiza shiha, stante illi jonqos milli jaghti certu dettalji u cioe:

1. Liema huma t-trasferimenti ta' ishma li bihom ihossu aggravat;

2. Liema huwa l-ftehim ghall-management buyout li jilmenta dwaru u liema hija l-klawsola tal-istatut tal-kumpanija li ma gietx osservata mill-intimati; u

3. X'inhuma d'diversi atti ohra kommessi mill-intimati li jilledu d-drittijiet tieghu bhala azzjonist.

Il-Qorti tibda billi tfakkar illi fir-rigward tan-nullita ta' atti gudizzjarji, l-Qrati Maltin dejjem kienu tal-opinjoni illi l-formalizmu eccessiv u ezagerat ghandu jigi evitat[1], u kemm jista' jkun, l-atti gudizzjarji

[1] Vide Ignatius Licari bhala stralcarju u ghan-nom tas-socjeta Victor Estates Company Limited vs Anthony Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru 2001; (Guillaumier Industries Ltd as Reginald Fava et - deciza fit-28 ta' Ottubru,1998 (Cit. Nru. 831/97RCP); Michael Attard nomine vs Raymond Galea deciza fit- 12 ta' Mejju, 1998;

ghandhom jigu salvati, u dan fl-interess tal-gustizzja u ghall-ekonomija tal-gudizzju.

Rigward din l-eccezzjoni partikolari, l-Qorti tqis li hija nfondata u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Ir-rikorrent, fir-rikors promotur, mhuwiex obbligat jispecifika l-artikolu preciz tal-ligi li fuqu qed jibbaza l-azzjoni tieghu; ghalhekk zgur li m'hijiex kawza ta' nullita illi r-rikorrent ma ndikax, fir-rikors promotur, il-klawsola tal-Istatut tal-Kumpanija li skontu giet miksura, ghalkemm ghandu dmir li jaghmel dan fil-kors tal-kawza;

b. Fil-mori tal-kawza irrizulta b'mod car it-trasferiment tal-ishma li r-rikorrent hass li kien leziv, u kkonsidrat ix-xhieda ta' Antallfy, fejn indika li r-rikorrent baqa' joggezzjoni ghal tali trasferiment ta' ishma minn Torocsik lil Dangel, l-intimati ma kellhomx igebbdu wisq l-imaginazzjoni biex jifhmu ghal liema trasferiment kien qed jirreferi r-rikorrent. Tant hu hekk, illi filfatt ressqu eccezzjoni specifika dwar dan fir-risposta guramentata taghhom. L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-ftehim ta' Management Buyout, fir-rigward tal-liema, din l-eccezzjoni tirrazenta mill-fieragh;

c. Rigward l-azzjonijiet l-ohra li kienu allegatament lezivi fil-konfront tar-rikorrent, il-Qorti tqis ukoll illi m'hijiex kwistjoni ta' nullita, l-fatt illi r-rikorrent ma elenkax dawn l-azzjonijiet fir-rikors tieghu, izda kien id-dmir tieghu li jispecifikhom u jressaq provi dwarhom fil-mori tal-kawza, haga li filfatt m'ghamilx. Di piu' l-intimati dejjem setghu jitolbu awtorizazzjoni sabiex jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri fir-rigward ta' dawn il-fatti.

Ikkonsidrat;

L-intimati ecceppew permezz tat-tielet u tar-raba' eccezzjoni taghhom, illi galadarba ebda wahda mit-talbiet tar-rikorrent m'hija indirizzata lejn is-socjeta Web Services Holdings Limited u Richard Petho rispettivament, dawn l-intimati ma kellhomx jigu mharrka f'din il-kawza; konsegwentament m'humiex il-legitimmu kontraditturi u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti taghraf illi r-rikorrent mhux biss ghamel talba ghar-rizarciment tad-danni allegatament sofferti minnu, izda ghamel wkoll talba ghal dikjarazzjoni illi l-atti impunjati minnu, kienu nulli u bla effett. Ghalhekk is-socjeta ntimata, kif ukoll Richard Petho ghandhom l-interess guridiku rikjest sabiex jirrispondu ghal din il-kawza; anzi l-Qorti tqis, illi minghajr il-partecipazzjoni taghhom, il-gudizzju ma jistghax ikun integru, galadarba r-rikorrent qed jipprova jikseb l-annullament ta' atti illi jinvolvuhom.

Ghalhekk, dawn iz-zewg eccezzjonijiet qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

L-intimati eccepew preliminarjament ukoll, illi l-azzjoni tar-rikorrent kienet preskritta ai termini tal-Artiklu 2153 tal-Kodici Civili. Kontra din l-eccezzjoni r-rikorrent ma offra l-ebda argument; di piu' l-intimati lanqas spjegaw din l-eccezzjoni taghhom waqt it-trattazzjoni finali. Galadarba din l-eccezzjoni ma gietx irtirata formalment, il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina u tiddetermina din l-eccezzjoni.

L-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> *"[l]-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

Rigward l-applikabbilita ta' dan l-artikolu ghal azzjoni odjerna, l-Qorti taghmel referenza ghal "*Principles of Maltese Company Law*" fejn il-Professur Muscat Muscat jirrileva illi:

> *"[i]n the absence of an ad hoc provision, it is submitted that the applicable prescriptive period is that of thirty years in terms of article 2143 of the Civil Code, unless the member specifically asks for damages, in which case the prescriptive period would be two years in terms of article 2153 of the said Code.*"[2]

Il-Qorti taghraf illi l-azzjoni tar-rikorrent hija bbazata kemm fuq l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji u kif ukoll fuq allegat ksur tal-Istatut tal-Kumpanija. Rigward in-natura tal-Istatut tal-Kumpanija intqal illi:

> *"[t]he memorandum is one of a company`s two constitutional documents, the other being the articles of association. (…) The articles…set out the internal rules and regulations which govern the relationship between the company and the members.*
>
> *(…)*
>
> *…the memorandum of association and the articles form a contract between the company and the members."*[3]

Fuq l-istess linja ta' hsieb intqal ukoll illi:

> *"[f]irst the memorandum and articles constitute a contract between the company and each member. (Hickman v Kent or Romney Marsh Sheepbreeders` Assc (1915) 1 Ch 881 where Astbury J reviewed earlier cases in a judgement which has become the locus classicus. An article providing for a reference to arbitration of disputes between members and the company was held to be contractually binding." But it is a contract with various special characteristics….Thus a member enters into a contract on terms which are alterable by the other party (Shuttleworth v Cox (1927) 2 K.B. 9, C A per Atkin L J at 26; Malleson*

[2] A. Muscat, Principles of Maltese Company Law (Malta University Press, 2007) p. 1012.
[3] B. Hannigan, Company Law (OUP 2016) p. 97.

*v National Insurance and Guarantee Corporation (1894) 1 Ch 200 per North J. at 205), rather in a same way as a member of a club agrees to be bound by the club rules as validly altered from time to time, or a workman agrees to be employed on the terms of a collective agreement as occasionally varied by the employers and his trade union….Secondly , the contract is enforceable among the members inter se. ..Thirdly the decisions have constantly affirmed that the section confers contractual effect on a provision in the memorandum and articles only in so far as it affords rights or imposes obligations on a member qua member.*"[4]

Dan il-principju huwa applikat ukoll fis-sistema legali Maltija, kif jidher minn dan l-bran citat mill-ktieb tal-Professur Muscat, li gie wkoll citat b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismjiet Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Marzu 2017:

*"[t]he memorandum and articles of association bind the company and its members and can generally be regarded as a contractual set of documents."*[5]

Fil-kaz prezenti, r-rikorrent ghamel talba specifika ghad-danni, izda ma bbazax l-azzjoni tieghu fuq l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpannija biss, izda bbazaha wkoll fuq l-Istatut tal-Kumpanija. Ghalhekk, fid-dawl tal-principji hawn fuq citati, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi ghalkemm it-talbiet relatati mal-Artikolu 402 tal-Att Dwar Il-Kumpanniji huma preskritt ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, dik il-parti tat-talbiet li hija bbazata fuq allegat ksur tal-Istatut m'hijiex preskritta, peress illi l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' tletin sena ai termini tal-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili.

Ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi parzjalment milqugha, u dan fir-rigward biss ta' dik il-parti tat-talba ghad-danni ibbazata fuq l-Artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji.

Ikkonsidrat;

Ir-rikorrent istitwixxa din l-azzjoni kontra l-intimati, qua azzjonisti tas-socjeta Web Services Malta Limited, u dan ghaliex hass illi l-agir tal-intimati, (senjatament il-bejgh ta' Web Services Hungary minn Web Services Malta lil Web Services Hungary minghajr il-kunsens tal-azzjonisti, u t-trasferiment tal-ishma f'Web Services Malta minn Petho ghal Dangel minghajr ma nghatu lilu l-*pre-emption rights* provduti fl-Istatut tal-Kumpanija), imorru kontra l-Istatut tal-Kumpanija, u kienu kontra l-ligi, u ghalhekk istitwixxa dawn il-proceduri kemm a bazi tal-

[4] P.L. Davies and S. Worthington, Gower's Principles of Modern Company Law (Sweet and Maxwell 2008) p. 116.
[5] A. Muscat, vide nota 2, p. 159. Dan gie kkonfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Avukat Dottor Pio M. Valletta noe vs Jeno Torocsik et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 7 ta' Ottubru 2016.

Artikolu 402 tal-Ligi Dwar il-Kumpanniji, kif ukoll a bazi tal-Istatut tal-kumpanija.

L-artikolu 402 tal-Kap 386 jipprovdi fl-ewwel sub-inciz illi:

*"[k]ull membru ta` kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu."*

Rigward l-iskop ta' dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet Ellis Saviour pro et noe vs Ellis Rita et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisidizzjoni Superjuri) fl-4 ta' Frar 2009 gie rrilevat illi:

*"[j]ibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li:*

*(a)Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija."*

Ukoll fuq l-iskop ta' dan l-artikolu, intqal fis-sentenza fl-ismijiet Monreal et vs Delia noe deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 2007 illi:

"[d]awn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn

il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel."[6]

Rigward l-interpetazzjoni ta' dan l-artikolu, fis-sentenza fl-ismijiet Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Jannar 2008 gie ritenut illi:

*"[i]l-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et noe deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2003 gie rrilevat illi:

*"[f]il-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta` l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti."*

Rigward l-interpretazzjoni ta' terminu '*mhux gust*', il-Qrati Maltin jiccitaw b'aprovazzjoni s-sentenza moghtija In Re Bovey Hoel Ventures Ltd fejn inghad illi:

*"[t]he test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had the de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith; the test, I think, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests."*

Bl-istess mod, Brenda Hannigan fil-ktieb taghha *Company Law* tirrileva illi:

[6] Citata fis-sentenza Suzanne Bususttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 30 ta' Marzu 2017.

> *"[w]hether the company`s affairs are being or have been conducted in a manner which is unfairly prejudicial to the petitioner`s interest is an objective, not a subjective, matter. The prejudice must be real, rather than merely technical or trivial, and the petitioner does not have to show that the persons controlling the company have acted deliberately in bad faith or with a conscious intent to treat him unfairly. The conduct complained of must be prejudicial in the sense of causing prejudice or harm to the relevant interest of the member (usually, but not limited to financial damage) and also unfairly so (usually connoting some breach of company law or the constitution but not limited to that) and it is not sufficient if the conduct satisfies only one of these tests."*[7]

Inghad ukoll f'dan ir-rigward illi:

> *"[t]he term "unfair prejudice" whether analysed as a `standard` or a `concept` is a relatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the complaining shareholder, even if the respondents can claim to have acted in the best of good faith."*[8]

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qrati Inglizi Re Coroin Limited deciza mill-High Court of Justice Chancery Division Companies Court fl-2012 u citata b'approvazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet Suzanne Busuttil et noe vs Francis Busuttil & Sons Limited et fejn intqal illi:

> *"[p]rejudice will certainly encompass damage to the financial position of a member. The prejudice may be damage to the value of his shares but may also extend to other financial damage which in the circumstances of the case is bound up with his position as a member…. The prejudice must be to the petitioner in his capacity as a member but this is not to be strictly confined to damage to the value of his shareholding. Moreover, prejudice need not be financial in character. A disregard of the rights of a member as such, without any financial consequences, may amount to prejudice falling within the section.*
>
> *Where the acts complained of have no adverse financial consequences, it may be more difficult to establish relevant prejudice. This may particularly be the case where the acts or omissions are breaches of duty owed to the company rather than to shareholders individually. If it is said that the directors or some of them had been in breach of duty to the company but no loss to the company has resulted, the company would not have a claim against those directors. It may therefore be difficult for a shareholder to show that nonetheless as a member he has suffered prejudice."*

Rigward it-trasferiment tal-ishma minn Petho lil Dangel

Wiehed mill-ilmenti tar-rikorrent, huwa li l-ishma li Torocsik kellu f'Web Services Malta gew trasferiti lil Dangel minghajr ma huwa nghata l-

[7] B. Hannigan, vide nota 3, p. 492.
[8] John Birds et al, Boyle and Birds' Company Law (Jordan Publishing, 2011) p. 711

opportunita li jezercita d-dritt ta' *pre-emption* tieghu, kif akkordat lilu mill-Artikoli tal-kumpanija. Antallfy filfatt ma jinnegax dan, izda spjejga illi hu kien tal-opinjoni illi dan id-dritt ta' pre-emption ma kienx japplika f'din is-sitwazzjoni peress illi li gara kien li l-*ultimate beneficial owner* kien ser jinbidel, izda l-persuna li kienet qed izomm l-ishma, u cioe it-*trustee*, kienet ser tibqa' l-istess.

Il-Qorti tqis illi l-argument ta' Antallfy huwa zbaljat, ghaliex meta l-Artikoli tal-kumpanija pprovdew ghal tali dritt ta' *pre-emption* lill-azzjonisti ezistenti f'kas ibiegh l-ishma, dawn kienu qed jirreferu ghal bdil fl-ultimate beneficial owner, ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, it-*trustee* ma kellu xejn u ma setgha jbiegh xejn personalment, stante illi kien izomm l-ishma biss a nom tal-*ultimate beneficial owners*. Ir-ragunament ta' Antallfy, kieku kellu jigi accettat, jirrendi fix-xejn is-siwi tal-iskop tad-dritt ta' *pre-emption.*

Pero, jirrizulta mix-xhieda ta' Antallfy, li l-Qorti m'ghandiex raguni ghalfejn ma temminx, anke ghaliex f'dan ir-rispett ma gietx ikkontestata mir-rikorrent, illi r-rikorrent kien ceda d-dritt ta' *pre-emption* tieghu fir-rigward tal-ishma ta' Torocsik u dan b'kondizzjoni illi jsir il-ftehim li jinsab ezebit a fol 202 tal-process. Ghalhekk, galadarba r-rikorrent, minn jeddu, ftehim mal-intimati illi jcedi dan id-dritt ta' pre-emption fil-konfront tal-bejgh ta' ishma ta' Torocsik, u l-kondizzjoni imposta minnu ghal din ic-cessjoni sehhet, il-Qorti tqis illi ma jistghax issa jippetendi illi l-bejgh ta' dawn l-ishma jigi dikjarat null ghaliex imur kontra l-Artikoli tal-kumpanija, galadarba kien hu stess li ceda dan id-dritt, fuq termini mposti minnu stess ghaliex *pacta sunt servanda*.

**<u>Rigward il-bejgh ta' Web Services Hungary</u>**

Skont ir-rikorrent, l-Istatut u l-Artikoli tal-kumpanija kienu jipprojbixxu lil Antallfy milli jikkonkludi l-ftehim ghal dan il-bejgh minghajr il-kunsens tal-azzjonisti l-ohra, izda ma jindikax liema klawsola mill-Istatut jew l-Artikolu tipprovdi dan. Wara li rat l-Istatut u l-Artikoli tal-kumpanija, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Qorti diversament presjeduta, fis-sentenza moghtija fuq l-istess fatti fl-ismijiet Avukat Dottor Pio M. Valletta noe vs Jeno Torocsik et deciza fis-7 ta' Ottubru 2016 fejn intqal illi:

> *"[k]untrarjament ghal dak li jsostni l-attur, mill-istatut ta' Web Services Malta Limited ma jirrizultax li hemm xi disposizzjoni li espressament tezigi li Antallfy jitlob il-permess tal-azzjonisti qabel jikkonkludi l-management buyout agreement. Skond klawzola 17 tal-istatut, "deeds of whatever nature engaging the Company", "…. shall be signed, drawn, accepted, endorsed or otherwise executed, as the case may be, by any one Director ……" (fol. 12).*
>
> *Inoltre, f'Gunju 2001 Antallfy kien inghata prokura minghand il-kumpannija Web Services Malta Limited fejn fost'affarijiet ohra nghata l-jedd:*

> *"To transact, manage, carry on and do all and every business matters and things requisite and necessary or in any manner connected with or having reference to the business and affairs of the Company in any country and for such purposes to conduct all correspondence appertaining to such business and affairs."*

> *Ghalhekk ma jistax jinghad li l-agir ta' Antallfy kien ultra vires. Direttur ta' kumpannija hu mandatarju u fiducjarju tal-kumpannija. Dan apparti li fi klawzola 4, l-objects clause tinkludi:*

> *"(iii) To purchase, sell, take by title of emphyteusis, lease or exchange or otherwise acquire or dispose of any immovable or movable property, and any rights or licences which the Company may deem necessary or convenient for the purposes of its business."*

Pero, kif intqal aktar il-fuq, m'huwiex bizzejjed illi l-agir ma jkunx *ultra vires*, izda l-Qorti, sabiex taghmel id-determinazzjoni taghha a bazi tal-Artikolu 402 (1), trid tara jekk gietx vjolata xi aspettativa legittima tar-rikorrent, u jekk l-agir ilmentat kienx *unfairly prejudicial* ghar-rikorrent.

Fir-rigward tal-aspettativa legittima, il-Qorti tqis illi r-rikorrent zgur ma kellux aspettativa legittima illi Antallfy jikseb kunsens minghand l-azzjonisti qabel ma jikkonludi l-MBO u dan ghaliex jirrizulta mix-xhieda ta' Antalffy, u mhux kontestat, li kien hu li wahdu jiehu hsieb in-negozjati kontrattwali relattivi ghal kumpaniji li taghhom kienu azzjonisti, tant illi kien inghata *power of attorney* biex ikun jista' jiffirma l-kuntratti li nnegozja a nom tal-kumpanija. In vista ta' dan, u specjalment in vista tal-fatt illi r-rikorrent zgur kien ta l-kunsens tieghu biex issir din il-*power of attorney* favur Antallfy, il-Qorti tqis illi r-rikorrent ma kellux aspettativa legittima illi Antallfy jikseb il-kunsens tal-azzjonista l-ohra qabel ma jikkonkludi l-MBO.

Fir-rigward tat-telf allegatament soffert mill-kumpanija kagun tal-MBO, il-Qorti, wara li ezaminat l-*audited accounts* tal-kumpanija, sabet illi mhux talli m'huwiex minnu illi l-kumpanija ghamlet telf wara l-konkluzjoni l-MBO, izda id-dhul ghas-snin 2005, 2006 u 2007 kien oghla minn dak tas-sena 2004. Ghalkemm ir-rikorrent ipprova jitfa dell ikrah fuq dan biex isostni t-tezi tieghu billi allega illi dan kien sehh ghaliex fis-snin ta' qabel kien hemm dhul illi ma kienx qed jigi indikat fir-rapport finanzjarji, ma gab l-ebda prova ta' dan, u ghalhekk din tibqa' biss fir-relm ta' supposizzjonijiet.

Rigward l-allegazzjoni ta' kolluzzjoni u l-agir mhux gust tal-intimati meta gie konkluz l-MBO, il-Qorti tqis illi l-fatti kif riportati, jipprovaw xorta ohra. Antallfy ta' spjegazzjoni shiha, (u l-Qorti m'ghandha ebda raguni ghalfejn ma temminx il-versjoni tieghu), tar-ragunijiet li wasluh biex jikkonkludi dan l-MBO, senjatament biex ma jitlifx lil Dangel u Petho, ghaliex tali telfa kienet twassal biex Web Services Hungary ma tkunx iktar f'posizzjoni li tonora l-obbligi kontrattwali taghha versu Amway Corporations, liema nuqqas kien jissarraf mhux biss f'telf totali ta' introjtu, izda wkoll f'azzjoni ghad-danni minn Amway Corporation.

Barra minn hekk, minn ezami tal-MBO, jirrizulta illi Antallfy ha hsieb jipprotegi l-interessi ta' Web Services Malta u jizgura illi dan l-MBO ikun ta' profit ghaliha, billi l-ewwel nett ipprovda sabiex Web Services Malta tibda taghmel profit garantit ta' 10% fuq il-kuntratt ma' Amway, irrispettivament mill-ispejjez inkorsi minn Web Services Hungary, u anke billi holoq sistema ta' introjtu gdida, fejn Web Services Malta kienet ser tibda taghmel profitt ta' 5% mal-hlas tad-dividends lil azzjonisti b'ishma B, fatti li jispjegaw ghalfejn il-qliegh ta' Web Services Malta kien zdied wara l-MBO. Filfatt, dan l-MBO tant kien ta' success, illi Amway kienet damet iggedded il-kuntratt xahar wara xahar ghal sena u nofs shah, u kien ghalhekk illi ma rrezultax it-telf ta' *revenue* inizjalment progettat minn Antallfy.

Rigward l-MBO kienet saret investigazzjoni mill-pulizija Ungeriza fuq talba tar-rikorrent, u din l-investigazzjoni ma kienetx giet segwita bi proceduri gudizzjarj ghaliex l-espert forensiku imqabbad sabiex jezamina dan il-ftehim, kien sab illi il-bejgh kien sar b'valur gust u ma kien gie kommess l-ebda reat. Fuq dan l-aspett, l-awditur Etienne Agius xehed illi fir-rendikont finanzjarju tal-kumpanija ghas-sena 2005 u 2006 kien gie indikat li Malta Services Hungary ma kienetx giet mibjugha *at fair value* ghaliex il-prezz tal-bejgh kien identiku ghal prezz ghal-investiment, pero imbaghad il-posizzjoni inbidlet fl-2007 ghaliex mir-rapport ta' Dr. Andras Vargas, espert forensiku Ungeriz, irrizulta illi ma kienx hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-*fair value* tal-kumpanija u l-prezz li ghalih giet mibjugha.

Rigward azzjonijiet ohra tal-intimati illi allegatament kienu lezivi tad-drittijiet tar-rikorrent qua azzjonista, il-Qorti rat illi r-rikorrent stess ma indikax x'seta' kienu, wisq anqas ressaq provi dwarhom.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistghux jigu milqugha galadarba ma jirrizultax illi l-agir tal-intimati kien leziv tal-Istatut jew l-Artikoli tal-Kumpanija jew li kien unfairly prejudicial ghar-rikorrent."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-avukat Dottor Pio M. Valletta *nomine,* li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti (i) tvarja is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju, 2017, sa fejn laqgħet f'parti it-tieni eċċezzjoni tal-intimati, kif ukoll laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-intimati, ħlief għall-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet u konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, dan billi tiċħad totalment it-tieni eċċezzjoni tal-intimati appellati, kif ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimati u tilqa' t-talbiet kollha

tar-rikorrent *nomine* appellant, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati; u (ii) tikkonferma l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2017, tal-Ewwel Qorti, kwantu din ċaħdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimati appellati.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-intimati appellati kollha, li permezz tagħha wieġbu li fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad l-appell imressaq mill-appellant *nomine* u dan billi tiddikjara l-istess appell irritu u null u fin-nuqqas, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant *nomine*, filwaqt li talbu d-*doppie spese* kontra l-appellant *nomine*.

7. Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2022, id-difensuri tal-partijiet talbu li dan l-appell jiġi deċiż flimkien ma' appell ieħor b'fatti simili bin-numru 615/2009/1 fl-ismijiet **Dr. Pio Valletta *nomine* v. Jeno Torocsik et** sabiex iż-żewġ appelli jiġu deċiżi flimkien.

8. Rat li d-difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2022, nfurmaw lill-Qorti li ser jistrieħu fuq l-atti ppreżentati u għalhekk l-appell baqa' differit għas-sentenza.

9. Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat:

10. Illi permezz ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrenti appellant qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-aġir tal-intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy u l-atti kollha konsegwenti u riżultanti minn tali aġir jilledu d-drittijiet personali ta' azzjonista ta' l-awtur tar-rikorrent barra li saru bi ksur tad-dispożizzjonijiet u regoli ta' l-istatut soċjali tas-soċjetà intimata Web Services Holdings Limited, kif ukoll ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji; dikjarazzjoni li l-atti kollha konsegwenti u riżultanti minn tali aġir huma leżivi għad-drittijiet personali ta' l-awtur tar-rikorrent bħala azzjonista fis-soċjetà intimata u/jew li saru bi ksur tad-dispożizzjonijiet u regoli ta' l-istatut soċjali tas-soċjetà intimata Web Services Holdings Limited u ta' l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji, huma kollha nulli u minghajr effett; dikjarazzjoni li l-aġir tal-intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy u l-atti kollha konsegwenti u riżultanti minn tali aġir kkawżaw ħsara lill-awtur tar-rikorrent; likwidazzjoni ta' dik il-ħsara u jekk hemm bżonn, dan anke permezz ta' periti *nominandi*; kundanna tal-istess intimati azzjonisti Anita Dangel, Gabor Petho u Thomas Tibor Antalffy sabiex iħallsu dik il-ħsara hekk likwidata. Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż.

11. L-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li ċaħdet numru ta' eċċezzjonijiet, laqgħet eċċezzjonijiet oħra u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.

12. Ir-rikorrent ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. Huwa jressaq numru ta' punti bħala l-aggravji tiegħu, li fil-verità huma kważi identiċi għall-aggravji tal-appell li jġib referenza 615/2009, li qiegħed jiġi deċiż illum ukoll minn din il-Qorti:

(i) L-Ewwel Qorti stqarret li ma rriżultax li l-aġir tal-intimati appellati kien leżiv tal-Istatut jew tal-Artikoli tal-Kumpanija jew li kien *unfairly prejudicial* għar-rikorrent.

(ii) L-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piż lill-istqarrija u ammissjoni ċara u skjetta ta' Thomas Tibor Antallfy li l-kuntratt ta' *management buyout* kien ser inaqqas id-dħul tal-kumpanija bi kwart tad-dħul tagħha kurrenti – ammissjoni ċara minn dak li kien imexxi u kellu kontroll tas-soċjetà. Jingħad mill-appellant li dan il-bniedem kellu l-polz tal-kumpanija f'idejh u għalhekk kien jaf il-konsegwenza ta' dan il-bejgħ, tant li kien ammetta li d-dħul tas-soċjetà Web Services Malta Limited kien ser jonqas bi tliet kwarti, iżda pproċeda bil-bejgħ. Il-fatt li wara li sar il-kuntratt ta' *management buyout* is-soċjetà Web Services Malta Limited inkassat aktar dħul mis-sena 2004, ma jfissirx li l-kumpanija effettivament ma

sofrietx telf, iżda jsostni li jsegwi b'mod loġiku li kieku ma seħħx il-*management buyout* id-dħul tal-kumpanija kien ser ikun bil-bosta aktar minn dak inkassat. Ladarba t-telf versu s-soċjetà Web Services Malta Limited, huwa ammess mill-persuna li kien fil-kontroll, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tiskarta din l-ammissjoni fid-determinazzjoni tal-vertenza. Anzi, fid-dawl ta' din l-ammissjoni, ma messu qatt sar il-*management buyout,* jekk mhux bil-ftehim u l-kunsens tal-azzjonista minoritarju. L-azzjonista maġġoritarju għażel li jbiegħ operat (li kien ser inaqqas id-dħul bi tliet kwarti) lil fost oħrajn, il-mara tiegħu - aġir frawdolenti, abbużiv diskriminatorju u leżiv versu l-interessi u d-drittijiet tal-azzjonista minoritarju. Din hija ċertament azzjoni abbużiva u l-atteġġjament oppressiv huwa att diskriminatorju, jew konkors ta' azzjonijiet immirati li joħolqu preġudizzju serju versu l-interessi tal-azzjonista minoritarju u versu s-soċjetà Web Services Malta Limited.

(iii) L-appellant jirrileva fattur ieħor li fil-fehma tiegħu huwa importanti, huwa l-fatt li waħda mill-benefiċċjarji tal-*management buyout,* li kien ser iwassal għat-telf ta' dħul lis-soċjetà Web Services Malta Limited, kienet il-mara tal-istess Thomas Tabor Antallfy, li tkompli tikkonferma l-*mala fede* u l-abbuż versu l-interessi tal-azzjonista minoritarju u versu s-soċjetà Web Services Malta Limited.

(iv) L-appellant jislet bħala fattur ieħor relevanti dak fejn, l-awditur ta' Web Services Holdings Limited irreġistra riżerva fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-istess soċjetà dwar il-prezz indikat fil-kuntratt ta' *management buyout* fejn stqarr li dan it-trasferiment kien sar *at cost of the investment and not at the fair value.* Din ir-riżerva tneħħiet mill-awditur wara li ġie ppreżentat *independent expert report* tal-31 ta' Diċembru, 2004, magħmul minn komputista Ungeriż, li fl-ewwel lok, ma ġiex prodott bħala xhud għall-finijiet ta' konferma ta' rapport u sabiex jiġi kontroeżaminat. Inoltre, r-rapport u l-konklużjoni tiegħu huma bbażati u fondati fuq dokumenti li ngħataw lill-istess perit komputista sabiex iħejji u jasal għall-konklużjoni tiegħu dwar il-valur tal-kumpanija, iżda fir-rapport, dawn id-dokumenti ma jinkludihomx. Fit-tielet lok, jidher mir-rapport tal-perit komputista li wasal għall-konklużjoni tiegħu dwar il-valur tal-kumpanija mibjugħa wara li kkalkula l-valur tal-assi ta' din il-kumpanija. Il-valur ta' din il-kumpanija kien fix-xogħol li kienet u setgħet tiġġenera minn kuntratt partikolari, li skont dak li stqarr il-intimat Antallfy, kien jammonta għal tliet kwarti tad-dħul li kellha s-soċjetà Web Service Malta Limited u mhux fl-assi li kellha.

(v) L-impatt negattiv li l-aġir abbużiv, frawdolenti, oppressiv u diskriminatorju tal-intimati kellu fuq il-valur tas-sehem tar-rikorrent *nomine* u fuq l-operat tas-soċjetà Web Services Malta Limited, jammettih l-istess Antalffy meta stqarr li d-dħul tas-soċjetà Web

Services Malta Limited kien ser jonqos bi tliet kwarti – stqarrija li tixhed li dawk fit-tmun tat-tmexxija tas-soċjetà kienu konsapevoli li d-dħul tas-soċjetà Web Services Malta Limited kien ser jonqos bi tliet kwarti. Skont l-appellant, dan juri li dawk fit-tmun tas-soċjetà, għażlu li jipproċedu b'dan il-bejgħ għal raġunijiet personali marbuta mal-fatt li fost il-benefiċċjarji tal-*management buyout,* kien hemm il-mara tal-intimat Antalffy u dan il-bejgħ sar għad-detriment tal-azzjonisti minoritarji u tas-soċjetà Web Services Malta Limited.

13. L-intimati appellati kollha, apparti li fir-risposta tal-appell jindirizzaw l-punti mqanqla mill-appellant bħala aggravji, iqajmu l-pregudizzjali dwar is-siwi tal-appell, fis-sens li ġaladarba l-azzjoni tar-rikorrent, kif ukoll id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, jidhru li jirriflettu l-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk mhux permess li jsir appell mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-istess provvediment tal-liġi. Jirreferu għall-ġurisprudenza li proprju ttrattat dan il-punt, senjatament is-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Jonathan Shaw et v. David Alan Shaw et,** kif ukoll dik tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et v. Francis Busuttil et.** Ikun xieraq li din il-Qorti l-ewwel tistħarreġ din l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell tal-appellati, qabel ma titratta l-mertu tal-appell innifsu, peress li jekk tintlaqa' din l-pregudizzjali, x-xogħol ta' din il-Qorti jieqaf hawn.

14. Għandu jingħad mal-ewwel li, l-intimati appellati għandhom raġun meta jgħidu li fejn l-azzjoni tkun imsejsa fuq l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, ma jeżistix dritt ta' appell, peress li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn dak li jipprovdi l-Artikolu 401 (li jipprovdi għad-dmirijiet addizjonali tar-Reġistratur tal-Kumpaniji) u dak li jipprovdi l-Artikolu 402 (dwar il-ħarsien ta' azzjonisti kontra preġudizzju mhux ġust). Filwaqt li fl-ewwel każ il-liġi tfassal regoli ta' kif issir oppożizzjoni għad-deċiżjoni tar-reġistratur li jimponi penali, billi tiġi kkontestata quddiem il-Qorti, fejn saħansitra jingħad li għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kap. 12 (ara s-sub-inċiż 14 tal-Artikolu 401) u li hemm ukoll provdut id-dritt ta' appell quddiem din il-Qorti (ara s-sub-inċiż (17) tal-Artikolu 401), mhux l-istess jista' jingħad fil-każ tal-Artikolu 402.

15. Kien għalhekk li fil-ġurispridenza ċitata mill-appellati ġie applikat il-prinċipju *ubi lex voluit dixit,* kif ukoll, li l-provvediment mogħti skont l-Artikolu 402 jingħad li għandu min-natura ta' digriet, liema digriet ladarba ma jeżisti l-ebda dritt ta' appell minnu, jista' jiġi revokat biss bi proċeduri apposta li għandhom jittieħdu quddiem l-Ewwel Qorti, li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet u minn tali deċiżjoni jkun hemm dritt ta' appell lil din il-Qorti. Ġie rilevat ukoll li, l-proċeduri li jsiru skont l-Artikolu 402, isiru permezz ta' rikors (u mhux rikors ġuramentat) distinzjoni importanti, li tfisser li l-proċedura skont l-Artikolu 402 mhix kawża vera u proprja u għalhekk appell minn sentenza mogħtija f'kawża mressqa b'rikors

ġuramentat mhuwiex awtomatikament estiż għall-proċedura taħt l-Artikolu 402.

16. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta li tabilħaqq r-rikorrent appellant fir-rikors promotur juża kliem li jixxiebaħ ferm ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 402 (1) tal-Kap. 386, li fih jingħad:

> *"402. (1) Kull membru ta' kumpanija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħt dan l-artikolu."*

Madankollu, minn ħarsa tar-rikors promotur tal-appellant, jirriżulta li r-rikorrent mhuwiex biss isostni l-ksur tad-drittijiet tiegħu bħala azzjonist minoritarju skont l-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji, iżda jsostni wkoll li l-intimati kienu nvoluti fit-trasferiment ta' ishma fis-soċjetà Web Services Holdings Limited li kienu jilledu kemm id-drittijiet tar-rikorrent, kif ukoll kien imur kontra l-istess dispożizzjonijiet u regoli tal-istatut soċjali tas-soċjetà Web Services Holdings Limited. Dan ifisser li l-azzjoni attriċi mhix ibbażata unikament fuq azzjoni skont l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, iżda hija bbażata wkoll fuq allegat ksur tal-Istatut tal-kumpanija. Fil-fatt jiġi osservat ukoll li r-rikors promotur imressaq mir-rikorrent appellant huwa wieħed ġuramentat u mhux rikors sempliċi, kif maħsub fl-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Madankollu, is-sustanza tal-azzjoni u tat-talbiet fir-rikors

promotur, kif ukoll l-assjem tal-provi in atti juru li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent hija dik taħt l-Artikolu 402, tal-Kap. 386.

17. Hekk ukoll, minn eżami akkurat tal-aggravji kollha fir-rikors tal-appell, dawn huma bbażati fuq aġir abbużiv da parti tal-azzjonisti maġġoritarji li huwa *unfairly prejudicial* fil-konfront tal-interessi tar-rikorrent, bħala azzjonist minoritarju, jiġifieri dik il-parti tal-azzjoni attriċi bbażata fuq l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Għalkemm fl-ewwel punt tal-appell in eżami, jissemma li l-Ewwel Qorti stqarret li ma rriżultax li l-aġir tal-intimati appellati kien leżiv tal-Istatut jew tal-Artikoli tal-Kumpanija jew li kien *unfairly prejudicial* għar-rikorrent, dan fil-verità mhux aggravju fih innifsu, iżda dan il-punt huwa l-premessa tal-aggravji li jsegwu. Madankollu, mkien fl-appell taħt eżami m'hija tiġi attakata d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn jingħad minnha li r-rikorrent kien ċeda d-dritt tiegħu ta' *pre-emption* fir-rigward tal-ishma ta' Torocsik (ara l-ftehim ta' *Stock Purchase Agreement* esebit a fol. 202) u li r-rikorrent ma jistax jippretendi lill-Qorti tannulla dak li rriżulta pattwit, peress li jmur kontra l-Artikoli tal-kumpanija, ġaladarba kien hu stess li ċeda dan id-dritt u dan skont il-prinċipju ta' *pacta sunt servanda.*

18. Bl-istess mod, fl-aggravji tiegħu, l-appellant mhuwiex jappella dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, fis-sens li ma għamilx referenza għall-klawżola fl-Istatut tal-kumpanija jew l-Artikolu li suppost kienet tipprojbixxi lil

Antallfy, bħala direttur tal-kumpanija, milli jagħmel in-negozju li sar meta nbiegħet Web Services Hungary, kif lanqas ma qiegħed jiġi ndikat fir-rikors tal-appell liema hija l-klawżola fl-Istatut tal-kumpanija jew l-Artikolu li jipprojbixxi dan. Fis-sentenza appellata saret ukoll referenza għas-sentenza tal-prim'istanza fl-ismijiet **Avukat Dottor Pio M. Valletta nomine v. Jeno Torocsik et** u ngħad li waslet għall-istess konklużjonijiet tagħha fis-sens li jingħad li fl-istatut ta' Web Services Malta Limited, ma jirriżultax li hemm xi dispożizzjoni li espressament teżiġi li Antallfy jitlob il-permess tal-azzjonisti qabel jikkonkludi l-*management buyout agreement.* Anzi Antallfy kellu prokura tal-kumpanija Web Services Malta Limited b'setgħat pjuttost wiesgħa, li b'hekk ma jistax jingħad li aġixxa *ultra vires.* Xejn minn dan kollu ma ġie kontestat mill-appellant fl-appell taħt eżami.

19. Dan ma jistax ħlief ifisser li l-appell tar-rikorrent huwa ċċentrat unikament fuq l-interpretazzjoni tal-provi min-naħa tal-Ewwel Qorti fil-kuntest ta' preġudizzju mhux ġust fil-konfront tiegħu bħala azzjonist minoritarju, skont l-Artikolu 402, li kif ingħad qabel f'paragrafi 14 u 15 ta' din is-sentenza, mhix suġġett għall-appell direttament quddiem din il-Qorti. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Jonathan Shaw et v. David Alan Shaw et:**

> **"...***kull provvedimenti moghti a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 ghandu min-natura ta' digriet li, skond l-gurisprudenza, ma jezisti ebda dritt ta' appell minnu u jista' jigi revokat biss bi proceduri oppoziti*

> *mehuda in kontradittorju fil-Qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet, u minn tali decizjoni jkun hemm dritt ta' appell lil din il-Qorti."*

Inoltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Jannar, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Antonia *sive* Tania Baldacchino et v. Balda Enterprises Limited et,** b'referenza għall-istess provvediment tal-liġi, għalkemm il-Qorti tista' tappunta r-rikors għas-smigħ u saħansitra jekk it-talba in kwistjoni tiżvolġi bħala kawża, l-liġi trid li l-Qorti tagħti ordni (mhux sentenza jew deċiżjoni). Din il-Qorti tħaddan l-istess fehma. Isegwi li kif ġustament osservat mill-appellati, ġaladarba mhux permess li jsir appell mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-Artikolu 402, tabilħaqq l-appell jitqies bħala rritu u null.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent appellant billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-appellati u tiddikjarah irritu u null. Bl-ispejjeż kontra l-appellant *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da